MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 9/2014

**Charles Steven Muscat**

**vs**

**Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Charles Steven Muscat tal-5 ta' Frar, 2014 li jaqra hekk:

Illi huwa kien gie akkuzat inter alia talli assocja ruhu f'assocjazzjoni ta' dsatax-il persuna ghal skopijiet ta' traffikar ta' droga ai termini tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-proceduri jinsabu fi stadju ta' appell minn sentenza preliminari moghtija mill-Qorti Kriminali;

Illi fi tmiem l-Istruttorja kien imiss lill-Avukat Generali sabiex jezercita id-diskrezzjoni tieghu sabiex jara jekk ghandhiex tinhareg kontro-ordni jew alternattivament att ta' akkuza u dan ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi f'dan l-istadju l-intimat Avukat Generali hareg kontro-ordni fil-konfront ta' hdax minn dsatax-il ko-imputat akkuzati bl-istess reat ta' assocjazzjoni sabiex tigi traffikata d-droga u r-rimanenti tmienja inhargilhom att ta' akkuza.

Illi l-esponent umilment jissottometti illi l-ezercizzju li bih giet applikata din id-diskrezzjoni insindakabbli tal-Avukat Generali qieghda tilliedi d-dritt fundamentali tal-bniedem tieghu kif sancit fl-**Artikolu 7** tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem stante illi l-piena ghar-reat kommess ghandha tkun maghrufa fil-mument li jigi kkunsmat l-istess reat.

Illi din id-diskrezzjoni hi dijammetrikament opposta ghall-principju tac-certezza legali, stante l-Avukat Generali, illi huwa l-prosekutur par excellence, jiddetermina x'piena ghandha tinghata lill-akkuzat f'ezercizzju quai gudizzjarju.

In sostenn ta' dan l-esponent qed jiccita s-sentenza fl-ismijiet **Camilleri John vs Malta [App nru 42931/10]** deciza mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem nhar it-22 ta' Jannar 2013.

Illi in oltre jigi sottomess illi dan mhux il-kaz bhala ma nghidu ahna insibu fid-dritt Ingliz fejn il-ligi tirravisa reati illi jkunu *triable either way* meta persuna tista tintbaghat biex toqghod jew quddiem il-Qorti tal-Magistrat jew quddiem il-Qorti Kriminali, izda minghajr ebda tibdil fil-paramentri tal-piena.

Illi in oltre l-esponent umilment jissottometti illi gie lez lilu d-dritt fundamentali tieghu kif sancit fl-**Artikolu 6 u 7** tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem meta l-Avukat Generali ezercita d-diskrezzjoni tieghu kif ravvizata fl-artikolu 22 (2) tal-Kap 101 li seta' ghazel li johrog att ta' akkuza fil-konfront tal-esponent.

Dan qed jinghad peress l-Avukat Generali huwa l-avversarju ta' l-akkuzat b'poteri li jiddeciedi fejn ghandu jigi ggudikat l-akkuzat. Dan ifisser illi l-Avukat Generali ghandu l-poter li jaghmel *a binding judgement* qabel ma jkun inbeda il-process mhux a bazi ta' regola izda a bazi ta' diskrezzjoni suggettiva u insindakabbli liema gudizzju jorbot lil Qorti ukoll. Illi allura l-esponent qed jigi michud lilu d-dritt li jkun gudikat minn Tribunal imparzjali u indipendenti kif sancit fl-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob reverentment lil dina l-Opnorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi l-Artikolu 22 (2) tal-Kap 101 u l-ligijiet modellati fejn tinghata diskrezzjoni lill-Avukat Generali ghal liema piena ghandu jissottometti lill-akkuzat bhala anti-kostituzzjonali u lezivi ta' l-Artikolu 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-drittijiet tal-bniedem;

2. Taghti rimedju effettiv billi tordna illi tinharef il-kontro-ordni fil-konfront tal-esponent;

Salv dak il-provvedimenti xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta tal-intimat li in forza taghha eccepixxa:

Illi preliminarjament l-ilment tar-rikorrent kif imsejjes fuq l-**Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea** huwa għal kollox intempestiv. Kif ġie ritenut fil-ġurisprudenza biex wieħed ikun jista' jinvoka protezzjoni taħt l-**Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea** jeħtieġ illi huwa jkun instab ħati ta' reat u weħel piena. F'dan il-każ ir-rikorrent Charles Steven Muscat għadu ma nstabx ħati u lanqas ikkundannat. Allura kif jista' b'xi mod ir-rikorrent jargumenta li ġarrab leżjoni li ġie kkundannat għal reat u piena li mhumiex imsemmija jew prevedibbli fil-liġi. Wisq loġikament biex wieħed ikun jista' jqanqal kwistjoni taħt l-**Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea** wieħed irid bilfors juri li huwa nstab ħati ta' reat li, meta jkun sar, ma jkunx meqjus bħala reat mil-liġi jew inkella li juri li huwa ngħata piena aktar ħarxa minn dik li kienet tapplika meta ġie kommess ir-reat. F'dan il-każ, il-ġuri ta' Charles Steven Muscat għadu lanqas biss beda allura ma jistax jingħad li ġarrab vjolazzjoni tal-prinċipju *nullum crimen sine lege* u *nulla poena sine lege*;

Illi hekk ukoll r-rikorrent huwa prematur meta jsostni li ġarrab leżjoni ta' smigħ xieraq. Dan għaliex kif tajjeb intqal mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ***Morgan Ehi Egbomon vs. Avukat***

***Ġenerali*** maqtugħa fis-16 ta' Marzu 2011, ladarba f'dan il-każ il-proċess kriminali għadu ma ġiex mismugħ u mitmum, s'issa għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi r-rikorrent sejjer jiġi żvantaġġjat waqt is-smigħ tiegħu. Għal dak li jiswa jista' jkun il-każ li jekk ir-rikorrent jitressaq quddiem il-ġurati huwa jiġi liberat mentri jekk jitressaq quddiem Maġistrat huwa jinsab ħati. Jiġi b'hekk, li f'dan l-istadju tal-proċeduri mhuwiex indikattiv li l-ilment tar-rikorrent jiġi diksuss u trattat *in vacuo* u b'hekk din l-Onorabbli Qorti hija mitluba biex ma teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha;

Illi f'dan il-kuntest huwa stabbilit anke f'ġurisprudenza konsistenti, li biex tinsab leżjoni tas-smigħ xieraq kif imħares taħt l-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u **l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**, huwa meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fil-kumpless kollu tiegħu. Allura l-ilment ta' nuqqas ta' smigħ xieraq imqanqal mir-rikorrent jista' jiġi biss eżaminat ladarba l-proċess kriminali tiegħu jiġi konkjuż;

Illi b'rabta mal-premess, il-każ ta' ***Camilleri vs. Malta*** ma japplikax għal każ inkwistjoni billi kif fuq imfisser fil-każ istanti s'issa r-rikorrent għadu ma rċieva l-ebda ġudizzju ta' ħtija u l-ebda piena kontra tiegħu;

Illi f'kull każ, wieħed irid iqis li din is-sentenza tal-Qorti Ewropea ma torbotx u ma toħloqx preċedent fuq il-qrati tagħna. Intqal a propożitu mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ***Josephine Bugeja vs. Avukat Ġenerali et*** deċiża fis-7 ta' Diċembru 2009, li l-qrati tagħna mhumiex marbuta bil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, *"sia għal dawk li huma prinċipji ġenerali ġurisprudenzjali u sia ghal dawk li huma l-konsegwenzi prattiċi meta dawk il-prinċipji jiġu applikati għall-każ konkret – u dan peress illi, apparti li s-sistema tagħna ma*

*tabbraċċjax id-dottrina tal-preċedent jew tal-istare decisis, il-ECHR mhix parti mis-sistema ġudizzjarja ta' pajjiżna"*;

Illi fuq kollox imbagħad wieħed irid iqis li l-Qrati tagħna f'għadd ta' sentenzi esprimew il-fehma tagħhom li d-diskrezzjoni mogħtija lill-Avukat Ġenerali fl-**Artikolu 120A(2) tal-Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta** u fl-**Artiklolu 22 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta** ma hijiex bi ksur tal-**Kostituzzjoni** u **tal-Konvenzjoni Ewropea**. Biżżejjed jissemmew is-sentenzi ***Godfrey Ellul vs. Avukat Ġenerali*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' April 2006 u ***Claudio Porsenna vs. Avukat Ġenerali*** maqtugħa wkoll mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Marzu 2012;

Illi mingħajr ħsara għall-premess, irrispettivament minn dak li ġie enunċjat dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-esponent xorta jemmen bi sħiħ li l-applikazzjoni tad-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali skond l-**Artikolu 22 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta** la tikser l-**Artikolu 6** u lanqas l-**Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

***<u>L-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>***

Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponent assolutament ma jaqbilx mar-rikorrent li d-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali eżerċitata taħt il-**Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta** hija insindikabbli. Tabilħaqq għalkemm taħt id-dispożizzjonijiet tal-**Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta** l-Avukat Ġenerali huwa mgħobbi bir-responsabbilità li jiddeċiedi l-qorti fejn għandu jiġi pproċessat persuna akkużat b'reati konnessi ma' mediċini perikolużi, dana ma jfissirx li din id-diskrezzjoni tiegħu ma tistax tiġi sindikata mill-Qrati tagħna, fis-sens jekk din id-deċiżjoni ttieħditx *rite et recte*;

Bħal kull deċiżjoni oħra mogħtija mill-fergħa Eżekuttiva tal-Istat, anke din l-għażla tal-Avukat Ġenerali li jibgħat persuna għall-ġuri jew le, tista' tkun soġġetta għall-istħarriġ ġudizzjarju kif kontemplat taħt l-**Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jew għall-kompetenza residwa tal-Qrati ordinarji;

Għalhekk jekk ir-rikorrent ħass li l-Avukat Ġenerali eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu ħażin, abbużivament, impreviddibilment, illegalment, b'mod diskriminatorju jew irraġonevolment huwa jekk ried dejjem seta jattakka dik id-deċiżjoni tiegħu quddiem il-qrati kompetenti. Issa jekk huwa ma attakkax din id-diskrezzjoni fil-ħin u fiż-żmien li ssemmi l-liġi, dan ifisser li huwa ssokkomba għal dik id-deċiżjoni, jekk mhux ukoll li huwa kien qiegħed jaċċetta li dik id-deċiżjoni kienet waħda xierqa fiċ-ċirkostanzi tal-każ;

Fis-sewwa mbagħad l-mertu tal-vertenza mhijiex jekk il-piena nfisha hijiex prevedibbli, dan għaliex il-parametri tal-piena fil-liġi huma ċari u stabbiliti bejn sitt xhur u għomor il-ħabs. Jiġifieri bniedem li bi ħsiebu jwettaq reat konness mad-drogi jaf li jista' jeħel sa għomru l-ħabs. Diversament il-pern tal-kawża hija jekk il-mod kif l-Avukat Ġenerali juża' d-diskrezzjoni tiegħu jagħmilx il-piena prevedibbli jew le. Allura ladarba l-kwistjoni kollha hija relatata mal-mod kif l-Avukat Ġenerali jħaddem din id-diskrezzjoni tiegħu, dan iwaqqa' l-vertenza kollha fuq il-pjan soġġettiv u mhux fuq il-pjan oġġettiv. Naturalment biex wieħed jista' jeżamina jekk id-deċiżjoni soġġettiva tal-Avukat Ġenerali kinitx prevedibbli jew le wieħed irid iħares lejn il-fattispeċji tal-każ u lejn deċiżjonijiet meħuda minnu fil-passat. *S'intendi* imbagħad jekk xi ħadd iħoss jew jemmen li d-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali f'każ partikolari ma kinitx prevedibbli jew ma kienitx proporzjonata ma' każijiet simili, dak li jkun dejjem għandu l-jedd li jipprova jiċċensura dik id-deċiżjoni quddiem il-Qrati;

Għaldaqstant ladarba d-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali mhijiex insindikabbli u r-rikorrent huwa mogħti l-opportunità li jikkontesta dik id-deċiżjoni allura ma tqum l-ebda kwistjoni ta' prevedibbilità jew ta' inċertezza peress li l-kejl tal-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali dejjem jista' jkun soġġett għall-għarbiel u l-kontroll tal-qrati;

Illi dejjem mingħajr ħsara għas-suespost, jingħad fi kwalunkwe każ, ma hemm xejn fil-lokuzzjoni tal-**Artiklolu 22 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta** li joħloq inċertezza jew imprevedibbilità la dwar l-elementi tar-reat u wisq aktar dwar il-piena. Il-liġi sostantiva dwar ir-reati li bihom jinsab mixli Charles Steven Muscat hija ċara u tgħodd għal kull min ikun fil-qagħda tiegħu;

Illi għalkemm l-Avukat Ġenerali skont il-liġi jista' jagħżel li jibgħat lill-akkużat jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, b'daqshekk dan ma jnaqqas xejn mill-prevedebbilità (*foreseeabilty*) tal-liġi. Dan għaliex sew jekk il-każ jinstema' mill-Qorti tal-Maġistrati u sew jekk jinstema' quddiem il-Qorti Kriminali l-elementi li jikkostitwixxu r-reat jibqgħu l-istess. Fejn tidħol il-piena imbagħad, għalkemm huwa minnu li hemm differenza fil-parametri, skond fejn jiġi proċessat l-akkużat, madankollu llum anke bl-għejun ta' ġurisprudenza voluminuża u kostanti f'dan il-qasam, wieħed faċilment jista' jiddeċifra meta huma dawk is-sitwazzjonijiet li jimmilitaw akkuża quddiem il-Qorti Kriminali u dawk li jimmilitaw għal akkuża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati;

Illi magħdud ma' dan, jiġi rilevat ukoll li bħalma l-Avukat Ġenerali għandu l-jedd li jagħżel hu b'liema akkużi jixli lill-akkużat, daqstant ieħor l-Avukat Ġenerali għandu jkollu l-jedd wara li jqis is-severità u l-fattispeċji tal-każ li jiddeċiedi quddiem liema qorti huwa għandu jixli lill-akkużat. Propriju fil-każ tar-rikorrent, tajjeb li jiġi kkjarifikat li minn dsatax (19) il-ko-akkużat kien hemm

tmienja (8) minnhom (wieħed minnhom ir-rikorrent), fejn ma nħarġitx il-kontro-ordni mill-Avukat Ġenerali sabiex il-każ jinstema u jinqata' mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) flok il-Qorti Kriminali. Din id-deċizjoni ttieħdet wara li l-Avukat Ġenerali għamel analiżi fil-fond tal-fatti tal-każ u fuq l-involviment ta' kull wieħed u waħda minn dawn il-ko-akkużati li allavolja akkużati bl-istess akkuża prinċipali, kellhom rwoli differenti kif ukoll livell ta' parteċipazzjoni li ma kienx tal-istess kalibru bejn kollha;

Illi l-Avukat Ġenerali għażel li ma joħroġx il-kontro-ordni fil-konfront tar-rikorrent għaliex fuq l-iskorta tal-atti tal-kumpilazzjoni huwa jemmen li r-rikorrent kien wieħed mill-imħuħ wara l-assoċjazzjoni fit-traffikar tad-droga fi kwantità qrib ferm l-erba' kilogrammi. Kien għalhekk li f'għeluq il-kumpilazzjoni l-Avukat Ġenerali għażel li jżommu għall-ġuri. Tabilħaqq ma kien hemm l-ebda dubju fl-esperjenza riċenti, li n-natura tal-akkuża tiegħu kienet ser tattira l-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kriminali. Tabilħaqq Charles Stephen Muscat ma jistax jgħid li kien sorpriż għaliex intbagħat quddiem il-Qorti Kriminali u mhux quddiem dik tal-Maġistrati peress li l-ammont kbir u t-tip tad-droga perikoluża li bihom qiegħed jiġi akkużat kienu indikazzjoni ċara biżżejjed li huwa kien sejjer jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali;

Illi l-effetti **tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni** jissoktaw mill-mument li persuna titressaq il-Qorti għalhekk id-diskrezzjoni li għandu l-Avukat Ġenerali *'at pre-trial stage'* f'każijiet li jikkonċernaw reati ta' droga, m'għandhiex ikollha l-effett li toħloq inċertezza jew nuqqas ta' prevedibbilità għaliex ladarba l-Avukat Ġenerali jieħu d-deċiżjoni tiegħu mill-ewwel fejn ser jipproċedi bl-akkużi, minn hemmhekk l-akkużat ikun jaf sew kemm fuq in-natura tar-reat li jinsab mixli bih u kif ukoll il-parametri tal-piena ta' kemm jista' jeħel fl-ipoteżi ta' sejbien ta' ħtija għaliex dawn huma sew delinejati fl-**Artiklolu 22 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta**;

Illi dak li tassew jiswa għall-finijiet tal-**Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea** huwa li l-akkużat ikun jaf bi preċiżjoni l-parametri tal-minimu u massimu tal-piena eventwalment erogabbli kontra tieghu f'każ ta' sejbien ta' ħtija. Fil-mument tal-preżentata tiegħu, l-imputat minnufih ikun f'qagħda li jkun jaf eżatt kemm jista' jeħel bħala piena jekk jinstab ħati. Għalhekk ladarba meta jibda l-proċess kriminali quddiem il-Qorti Kriminali jew tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fit-termini tal-**Artiklolu 22 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta**, l-imputat ikun jaf il-parametri tal-piena li jista' jeħel, allura wieħed ma jistax jitkellem fuq ebda stat ta' inċertezza;

Illi saħansitra meta ntemmet il-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti Istruttorja u l-Avukat Ġenerali fuq il-bażi tal-provi miġbura ddeċieda li joħroġ l-att tal-akkuża, ir-rikorrent ġie mgħarraf kemm bl-artikoli li taħthom qiegħed jiġi mixli u anke l-piena li jista' jeħel fl-eventwalità ta' sejbien ta' ħtija;

Illi wkoll għandu jitqies bħala fattur rilevanti l-fatt li r-rikorrent qatt ma esprima xi kritika jew dubju dwar il-valutazzjoni u l-għażla tal-Avukat Ġenerali li jassoġġettah għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kriminali. Fis-sens li huwa fl-ebda ħin ma allega li kien ħaqqu li jiġi proċessat mill-Qorti tal-Maġistrati u mhux mill-Qorti Kriminali. Bħalma lanqas ma indika b'liema mod din id-diskrezzjoni ġiet imwettqa b'mod inaspettat jew imprevedibbli;

Illi naturalment jinkombi fuq ir-rikorrent li juri li huwa raġonevolment kien qed jipprevedi li sejjer jiġi proċessat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u mhux quddiem il-Qorti Kriminali u li l-Avukat Ġenerali ħa deċiżjoni li ma kinitx mistennija;

Illi in riassunt għalkemm il-kriterji użati mill-Avukat Ġenerali fid-deċiżjoni dwar il-Qorti li quddiemha tintbagħat persuna akkużata m'humiex imniżżla fil-ligi, dan il-fatt waħdu m'għandux iwassal awtomatikament għal sejbien ta' ksur tad-drittijiet fundamentali taħt **l-Artikolu 7**. Dan inkwantu dan il-vojt fil-liġi jista' jimtela faċilment bl-għejun tal-ġurisprudenza u tal-esperjenza passata ta' kif l-Avukat Ġenerali dejjem ikkonduċa l-għażliet tiegħu f'dan il-qasam. Jekk dan mhux biżżejjed fi kwalunkwe każ, il-parti interessata dejjem tista' titlob li l-għażla tal-Avukat Ġenerali tgħaddi mill-għarbiel tal-Qorti;

Għaldaqstant il-mod kif l-Avukat Ġenerali japplika d-diskrezzjoni tiegħu skont l-**Artiklolu 22 (2) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta** ma tmurx kontra l-**Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea**.

***<u>Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>***

Illi subordinatament u mingħajr ħsara għall-premess, safejn l-ilment tar-rikorrenti huwa mibni fuq l-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea,** l-esponent jibda billi jgħid li r-rikorrent imkien ma jispjega b'liema mod huwa jinsab imxekkel milli jkollu smigħ xieraq. Huwa mhuwiex sejjer jiġi mċaħħad mill-jedd tiegħu li jressaq id-difiza tiegħu;

Illi l-esponent jissottometti illi l-**Artikolu 22 (2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta** ma jinċidix fuq id-dritt tal-akkużat kif imħares mill-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni**. Dan għas-sempliċi raġuni li l-**Artikolu 6** jirregola biss il-mod kif jitmexxa l-proċess quddiem il-qorti **<u>u mhux il-mod kif jinġieb quddiem il-qorti</u>**. Sew quddiem il-Qorti Kriminali u sew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, min ikun mixli b'akkuża kriminali jkollu l-garanziji kollha li jrid dan l-artikolu. Imkien f'dan l-artikolu ma tingħata garanzija illi l-prosekutur ma għandux ikollu diskrezzjoni bħal dik

mogħtija lill-Avukat Ġenerali fl-**Artikolu 22 (2) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta** (ara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-27 ta' April 2006 fil-kawża fl-ismijiet ***Godfrey Ellul vs. Avukat Ġenerali***);

Illi jingħad ukoll li bl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni mogħtija lilu, l-Avukat Ġenerali ma jkunx qiegħed b'xi mod jagħti xi deċiżjoni fuq il-mertu tal-akkużi. Dan peress li l-Avukat Ġenerali m'għandu l-ebda setgħa jew kontroll fuq jekk akkużat jinstabx ħati jew le u dana billi tali deċiżjoni tittieħed biss mill-qrati;

Illi tassew imbilli l-Avukat Ġeneral għandu l-fakoltà bil-liġi illi jagħżel fejn jakkuża lill-akkużat ma jfissirx b'daqshekk li huwa qiegħed jiddetermina l-piena. Dan bħalma lanqas l-Avukat Ġenerali ma jkun qiegħed jistabilixxi l-piena meta joħroġ l-att tal-akkuża quddiem il-Qorti Kriminali jew meta joħroġ l-artikoli fil-proċeduri sommarji quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Sewwasew fiż-żewġ xenarji l-prosekuzzjoni mmexxija mill-Avukat Ġenerali jew mill-Pulizija Eżekuttiva skond il-każ, xorta jeħtiġielha tipprova l-ħtija fl-akkużat u fl-aħħar mill-aħħar il-kelma aħħarija dwar il-grad u l-kwantum tal-piena hija mħollija assolutament fid-diskrezzjoni tal-qrati kriminali;

Illi wkoll ġaladarba l-eżerċiżżju tad-diskrezzjoni mwettaq mill-Avukat Ġenerali mhuwiex wieħed li jitwettaq fil-qafas ta' proċess kriminali mibdi, allura dan ifisser li tali diskrezzjoni taqa' 'l barra mill-applikazzjoni tal-**Artikolu 6** dwar is-smigħ xieraq;

Illi fl-aħħarnett l-esponent ma jaqbilx mar-rikorrent li huwa m'għandux aċċess quddiem qorti u tribunal indipendenti biex jissindika d-diskrezzjoni mwettqa mill-Avukat Ġenerali. Kif ġa

mfisser huwa jista' jirrikorri għal azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju jekk ikun għadu fi żmien li jista' jressaqha;

Illi għalhekk għal dawn ir-raġunijiet ma jista' jinsab l-ebda ksur tal-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**.

***Ir-Rimedju Mitlub Mir-Rikorrent***

Illi mingħajr ħsara għall-premess ir-rimedju mitlub mir-rikorrent li jinħareġ kontro-ordni huwa inaċċettabli. Dan minħabba li r-rikorrent m'għandu l-ebda jedd fundamentali li jagħżel il-piena tiegħu jew li jagħżel quddiem liema qorti huwa għandu jiġi proċessat;

Illi barra minn hekk mhuwiex l-irwol ta' din l-Onorabbli Qorti li teżamina l-meritu tal-każ kriminali u tiddeċiedi jekk il-każ tar-rikorrent jimmeritax li jinstema' quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati;

Illi f'kull każ lanqas il-Qorti Ewropea fil-każ ta' ***Camilleri vs. Malta*** ma ħasset li kellha tintrometti ruħha fil-proċeduri kriminali. Bl-istess kejl allura l-esponent ma jarax li din l-Onorabbli Qorti għandha titbiegħed minn dan il-prinċipju. Il-kwistjoni għandha titħalla impreġudikata għal quddiem il-qrati kriminali *dato ma non concesso* din l-Onorabbli Qorti ssib li hemm leżjoni tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti;

Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Rat l-atti tal-akkuza fil-konfront tar-rikorrenti, pendenti quddiem il-Qorti Kriminali.

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-intimat.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrent jinsab akkuzat fost affarijiet ohra, bit-traffikar ta' droga, u skond ordni tal-Avukat Generali, il-kaz tieghu sejjer jigi mismugh mill-Qorti Kriminali.  Il-ligi taghti fakultà jew ahjar diskrezzjoni lill-Avukat Generali jiddeciedi, skond ic-cirkostanzi tal-kaz, jekk persuna akkuzata bi traffikar tad-droga ghandhiex ikollha l-kaz taghha mismugh quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (fejn il-massimu tal-piena hija prigunerija ghal 10 snin più multa) jew quddiem il-Qorti Kriminali (fejn akkuzat, jekk jinstab hati ta' traffikar ta' droga, jista jehel sa ghomru l-habs) u qed jghid li din id-diskrezzjoni, kif kontemplata mill-ligi, tikser id-drittijiet fundamentali tieghu kif sanciti fl-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem: fi ftit kliem, qed jallega li tali deskrizzjoni jilledi d-dritt fundamentali tieghu ghac-certezza legali u ghal smiegh xieraq.

Din il-Qorti tibda biex tghid li hawn mhux il-forum adettat fejn isir stharrig <u>tal-uzu</u> tad-diskrezzjoni f'dan il-kaz. L-uzu tad-

diskrezzjoni huwa ezercizzju amministrattiv li, bhal kull decizjoni amministrattiva, jista' jkun sindakabbli mill-qrati ordinarji bis-sahha tal-poteri generali taghhom ta' stharrig gudizzjarju tal-ghemil tal-gvern. Din il-Qorti la hija kompetenti u lanqas ma giet mitluba li tissindika d-diskrezzjoni uzata mill-Avukat Generali fil-konfront ta' Charles Steven Muscat, izda trid tara biss jekk id-diskrezzjoni moghtija bil-ligi lill-Avukat Generali jilledix id-dritt tar-rikorrent skont l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Apparti dan, mix-xhieda tal-ufficcjali investigaturi, tohrog cara d-differenza bejn il-11 il-persuna involuta li l-kaz taghhom gie deciz li jinstema' mill-Qorti tal-Magistrati, u t-8 l-ohra, fosthom ir-rikorrent, li l-kaz taghhom se jinstema' mill-Qorti Kriminali. Fil-konfront tar-rikorrent, mill-investigazzjoni li saret, jidher, fil-fehma tal-prosekuzzjoni, li huwa wiehed mill-*main conspirators*, wiehed mill-hekk imsejha "percimes", li holoq l-operazzjoni ta' traffikar. Allegatament kien hu li organizza x-xiri u l-bejgh tad-droga, kellu konnessjonijiet mill-qrib ghas-sors originali tad-droga, kellu influwenza sinjifikanti fuq persuni ohra fic-cirku u kellu aspettativa ta' qliegh finanzjarju sostanzjali mill-operazzjoni. Ovvjament, sa issa ghadu innocenti, però, darba li, fil-fehma tal-intimat, hu kien involut fil-kaz mill-bidu sal-ahhar, u b'mod principali, id-diskrezzjoni kif uzata f'dan il-kaz zgur mhix censurabbli.

Mill-lat legali, din il-materja giet diskussa mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza "Camilleri vs Malta", deciza fit-22 ta' Jannar 2013, u anke mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz "Camilleri vs Avukat Generali", u dan fid-decizjoni fuq talba preliminari li tat fl-1 ta' Lulju 2013. F'dan l-ahhar kaz, il-Qorti Kostituzzjonali ghamlet dawn l-osservazzjonijiet in materja.

*"Wiehed ifakkar li ilment simili, in kwantu bazat fuq l-Artikolu 6 (dritt ghal smiegh xieraq), ma kienx gie accettat mill-Qorti Ewropeja, u l-ilment gie accettat taht l-Artikolu 7, in kwantu din id-diskrezzjoni tal-Avukat Generali setghet thalli f'mohh l-akkuzat incertezza dwar il-piena li seta' jehel. Kif, pero`, osservat il-Qorti Ewropeja fid-decizjoni taghha* ***Camilleri v. Malta****.*

*"Further, the Court cannot speculate as to the tribunal to which the applicant would have been committed for trial had the law satisfied the requirement of foreseeability. Indeed, the present case does not concern the imposition of a heavier sentence than that which was applicable at the time of the commission of the criminal offence or the denial of the benefit of a provision prescribing a more lenient penalty which came into force after the commission of the offence (see, inter alia, Alimucaj v. Albania, no. 20134/05, 7 February 2012; Scoppola (no. 2), cited above, and K v. Germany, no. 61827/09, 7 June 2012) and therefore the Court does not consider it necessary to indicate any specific measure".*

*Ghalhekk, il-process tas-smiegh tal-guri mhux per se jmur kontra d-drittijiet tal-bniedem, anke taht ic-cirkostanzi lamentati mir-rikorrent, dejjem jekk jitmexxa b'mod gust u jaghti lill-akkuzat smiegh xieraq. Ir-rimedju f'kaz ta' sejbien ta' ksur mhux it-twaqqif jew it-thassir tal-process kriminali, cioe`, ta' dak li jkun sar bl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-Avukat Generali, u kwindi l-guri f'dan il-kaz m'ghandux jitwaqqaf. Il-Qorti Ewropeja ghamlitha cara illi dak li sabet kien biss nuqqas ta' forseeability prevvist mill-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja, liema nuqqas certament ma jfissirx li l-process kriminali ghandu jieqaf u ma ghandux iservi sabiex igib bhala konsegwenza l-paralizi tas-sistema gudizzjarja. Il-fatt li, skont il-Qorti Ewropeja (b'dissenting opinion tal-Imhallef Malti), l-akkuzat li allegatament wettaq ir-reat seta' ma kienx jaf il-massimu tal-piena li seta' jkun soggett ghalih jekk jinqabad u jinstab hati, ma ghandux izomm is-smiegh innifsu tal-kaz, li hija haga indipendenti mill-*

*prevedibbilita` o meno tal-piena. Il-piena hi dik stabbilita fil-ligi fil-mument li allegatament twettaq ir-reat, u n-nuqqas ta' forseeability jista' jaghti lok ghal xi rimedju iehor, izda mhux li jitwaqqaf il-process gudizzjarju fil-konfront tal-persuna implikata."*

Din il-Qorti taqbel ma dan il-pronunzjament, izda bhala rimedju ma tarax li tista' tordna lill-Avukat Generali johrog kontro-ordni fil-konfront tar-rikorrent, apparti l-fatt li ma jidhirlix li hu opportun, f'dan il-kaz, li din il-Qorti taghti tali ordni.

Jibqa' l-fatt però li l-proceduri fil-konfront tal-akkuzat odjern ghadhom mhux konkluzi, u ghalkemm f'dan l-istadju hemm il-possibilità li, jekk l-akkuzat jinstab hati, jinghata piena ghola minn ghaxar snin, sa issa ma hemmx sejbien ta' htija, u kif jinghad fil-ktieb ta' Harris O'Boyle & Warbrick, "Law of the European Convention on Human Rights" (pagna 332):

*"The wording of article 7 (1) is limited to cases in which a person is ultimately 'held guilty' of a criminal offence. A prosecution that does not lead to a conviction or has not yet done so, cannot raise an issue under article 7 – at least not by means of an individual application".*

Hekk ukoll il-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fil-kaz "Lukanov v. Bulgaria", deciza fit-12 ta' Jannar 1995, osservat a propozitu illi:

*"6. Under Article 7 (Art. 7) of the Convention the applicant complains that criminal proceedings were instituted against him*

*on the basis of acts which did not constitute a criminal offence at the time when they were committed.*

*The Commission notes that the proceedings instituted against the applicant have not yet been terminated. He has not, therefore, been "held guilty of any criminal offence" as set out in Article 7 para. 1 (Art. 7-1) of the Convention.*

*The applicant cannot, therefore, be regarded as a victim of a violation of Article 7 (Art. 7) of the Convention. This part of the application is therefore manifestly ill-founded within the meaning of Article 27 para. 2 (Art. 27-2) of the Convention."*

L-azzjoni attrici in kwantu bazata fuq l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni hi, ghalhekk intempestiva u ma tistax tigi milqugha.

In kwantu l-ilment hu bazat fuq l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, din il-Qorti tara li l-provedimenti tal-ligi in kwistjoni ma jincidux fuq id-dritt tal-akkuzat kif imhares mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. L-imsemmi Artikolu 6 jirregola l-mod kif jitmexxa l-process quddiem il-Qorti, u mhux il-mod kif jingieb quddiem il-Qorti. Sew quddiem il-Qorti Kriminali u sew quddiem il-Qorti tal-Magistrati, min ikun mixli b'akkuza kriminali ghandu l-garanziji kollha li jrid dan l-artikolu. Imkien f'dan l-artikolu ma tinghata garanzija illi l-prosekutur ma ghandux ikollu diskrezzjoni bhal dik moghtija lill-Avukat Generali fl-Artikolu 22 (2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta – ara f'dan is-sens, il-kawza "Ellul vs Avukat Generali", deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' April, 2006.

Avolja l-Avukat Generali ghandu l-fakoltà bil-ligi illi jaghzel fejn jakkuza lill-akkuzat, ma jfissirx b'daqshekk la li huwa qieghed

jiddetermina l-htija ta’ dik il-persuna u lanqas il-piena. L-artikolu in kwistjoni ma jolqotx id-dritt tal-akkuzat ghal smiegh xieraq, u r-regoli tal-gustizzja naturali jibqghu applikabbli inattez il-provedimenti tal-artikolu in kwistjoni. Il-Qorti adita hu veru, trid toqghod fuq l-att tal-akkuza u l-piena kontemplata fil-ligi u relatata ma dak l-att tal-akkuza, però, dan ma jfissirx li l-akkuzat mhux se jinghata smiegh xieraq.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mir-rikors ta’ Charles Steven Muscat billi tiddikjara t-talbiet tieghu in kwantu bazati fuq l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea bhala intempestivi, u kwindi tillibera lill-intimat mill-osservanza tal-gudizzju, u tichad l-istess talbiet in kwantu bazati fuq l-Artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mir-rikorrenti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------